Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TA' L-ERBA' U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2013

**Ħin:** Mill-5pm sas-19.50pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (17.40pm)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva korrispondenza mis-Sindku fejn infurmaħ li huwa mhux ser jattendi għal-laqgħa qabel ma jiġi diskuss *Item 3* għaliex jidhirlu li hemm kunflitt ta' interess u mhux xieraq li jkun preżenti waqt id-diskussjoni. Id- Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ġie nfurmat b'dan.

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta u Għoxrin Laqgħa tas-Seba' Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tlieta u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier s-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il- Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **<u>Mill-Minuti</u>**

Is- Sur Desmond Zammit Marmara talab lis-Segretarju jgħid dwar jekk kienx hemm xi żviluppi għat-talba li saret mill-Ministeru ta' l-Enerġija rigward t-twaħħil ta' lampa ġdida quddiem il-Melita Gardens.

Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Huwa qal li kien bgħatt *reminder* tat-talba li kienet saret biex jingħataw aktar dettalji ta' fejn trid tiġi l-lampa pero'ma ngħatatx risposta. Il-Kunsill talab li tintbgħat *reminder* oħra.

## 3. Permess ta’ żvilupp fi Triq it-Tlett Knejjes- PA 5363/05

Il-Viċi Sindku beda biex qal li quddiem il-Kunsill wasal ilment tal-Kunsillier s-Sur Desmond Zammit Marmara’ fuq talba tas-Sinjuri Bonello rigward żvilupp ġdid li qed jiġi proponut li jsir fi Triq It-Tlett Knejjes fejn qed jiġi allegat li ser issir ħsara lis-struttura tal-bini oriġinali li għandha valur storiku.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm xi esperti fil-qasam ta’ l-ambjent storiku jirrappreżentaw lis-Sinjuri Bonello, kif ukoll rappreżentanza ta’l-iżviluppaturi.

Il-Viċi Sindku tenna li l-Kunsill kien, għadu u jibqa’ fid-dover li jipproteġi l-ambjent storiku tar-raħal ta’Ħal Balzan.

Il-Viċi Sindku xtaq jirrimarka li minn riċerka li għamel fuq dan il-permess ta’ żvilupp jidher li dan ix-xogħol għadu ma bediex u li hemm ordni mis-Supretendent tal-Wirt Kulturali kif qalu l-esperti biex ma jitkomplewx xogħolijiet fuq dan il-permess approvat mill-MEPA. Sar ukoll appell minn terżi persuni quddiem t-Tribunal tal-MEPA fuq it-tiġdid tal-permess numru 5363/05 u li dan ser jinstema’ fil-11 ta’ Ġunju 2013.

Fuq dan tqajjem il-punt li kien diġa sar it-tneħħija tas-siġar minn ġo dan il-fond wara li kien ħareġ il-permess. Intqal ukoll li kien hemm sorveljanza mill-uffiċċjali tal-MEPA waqt dan il-proċess.

Il-Viċi Sindku irrimarka li bħala Kunsill llum qed nitkellmu fuq il-wirt u valur storiku ta’ dan il-fond u mhux fuq il-ġonna.

Hawnhekk intervjena is-Sur Desmond Zammit Marmara’ fejn talab li jittieħed vot fuq din tas-siġar u kien qed jipproponi li bħala Kunsill għandna nidħlu fiha l-kwistjoni tas-siġar għax huma wkoll parti mill-valur storiku.

Il-Kunsillier s-Sur Stephen Gatt talab li bħala Kunsill għandna nkunu nafu l-fatti kollha u minn hemmhekk jittieħed vot jew azzjoni jekk ikun il-każ għaliex jidher li s’issa x-xogħolijiet għadhom ma sarux ħlief għat tneħħija tas-siġar koperti mill-permess tal-MEPA, u li hemm ordni ta’ twaqqif milli jkomplu x-xogħolijiet mis-Supretendent tal-Wirt Storiku kif ukoll appell quddiem t-tribunal tal-MEPA.

Is- Sur D. Zammit Marmara’ kompla jinsisti mas-sedja li huwa xtaq iressaq mozzjoni imma ma għandu lill-ħadd min jissekondaħ biex ikun jista’ jressaq dan. Hawnhekk il-Viċi Sindku għażel li jissekondaħ biex din titressaq. Is-Sur Desmond Zammit Marmara ippropona li bħala Kunsill għandna nuru l-posizzjoni tagħna mal-MEPA biex nipproteġu l-ambjent storiku u l-Kunsill fid-dover li jħares s-siti storiċi u l-ġonna ġewwa Ħal Balzan. Voti favur kienu erba’(4) u kontra xejn (0). Vot unanimu.

Il-Viċi Sindku ressaq ukoll mozzjoni oħra li kien ssekondat mill-Kunsillier s- Sur Guido Borg fejn tgħid li bħala Kunsill jeġa jtenni li jaqbel mal-mozzjoni tas-Sur D. Zammit Marmara pero’ l-Kunsill huwa konxju mill-fatt li hemm appell pendenti quddiem t-Tribunal tal-MEPA li għandu jinstema’ fil-11 ta’ Ġunju 2013 kif ukoll ordni ta‘twaqqif ta’xogħolijiet li jistgħu isiru, mis-Suprtendent tal-Wirt Storiku u għalhekk qed jipproponi li l-ewwel jara’x’deċiżjoni ser tittieħed mill-Bord ta’ L-Appell. Voti favur kienu tlieta (3) li huma Is-Sur Joe Galea, is-Sur Stphen Gatt u s-Sur-Guido Borg filwaqt li dawk kontra kienu wieħed (1) tas- Sur Desmond Zammit Marmara’. Il-mozzjoni ġiet approvata.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kompla jinsisti li ma għandnix noqgħodu nistennew d-deċiżjoni ta’ l-appell u li għandha tittieħed azzjoni immedjata mill-Kunsill.

## 4. Triq Sisner- Sistema ta’ ‘One Way’

Il-Kunsill irċieva żewġ petizzjonijiet fuq din is-sistema ta’ ‘one way’, min hu kavur u min hu kontra din l-implementazzjoni skond il-permess ta’ Transport Malta.

Għalhekk ġie deċiż mill-Kunsill li għandha ssir konsultazzjoni pubblika ma kull min wera' interess fuq dan is-suġġett u qabbad lis-Segretarju biex jipprepara għal din il-laqgħa.

## 5. Management Letter

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet il-*Management letter* li ġġib id-data tal-3 ta' April 2013 u risposta *draft* li ġġib id-data tal-11 ta' Ġunju 2013 (mehmuż). Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier S. Gatt ippropona r-risposta tal-*Management Letter* għall-approvazzjoni. Ir-risposta *draft* ġiet approvata unanimament u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 6. Applikazzjonijietdwar kjoskijiet li jarmaw fil-festa

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-*file* bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji tal-applikazzjonijiet li rċevejna (mehmuża). Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha.

## 7. Adults on the Move- Skema Attivitajiet Sportivi 2013

Il-Kunsill ddeċieda li jorganizza tnax (12) il-sessjoni ta' aerobics marbuta ma' l-iskema Attivitajiet Sportivi 2013. Dan is-sessjonijiet ser jibdew fl-aħħar gimgħa ta' Settembru u ser isiru fis-Sala Aurora, Triq Il-Kbira, Ħal Balzan

## 8. Kuntratt tal-Project Leader

Il-Kunsill unanimament ddeċieda li l-Kuntratt tal-Project Administrator b'konnessjoni mal-proġett ERDF 2015 li jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju 2013 ma jiġix imġedded.

## 9. Sotto-Kumitati tal-Kunsill

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera biex jiġu ċċarati r-rwolijiet tas-sotto kumitati tal-Kunsilliera li tagħhom huma iċ-*chairpersons*. Id-dikussjoni mbat kompliet fuq l-attivita' Lejla Balzanija li ser tiġi mtella' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju 2013.

## 10. Korrispondenza

MEMO 9/2013- Skema ta' għajnuna finanzjarja għal-korsijiet tal-Lifelong Learning 2013-14. Il-Kunsill ħa konjuzzjoni ta' din il-memo pero' ddeċieda li ma japplikax għar-raġuni li s-sena l-oħra il-Kunsill għamel sejħa pero' ma kien hemm rispons ta'xejn.

Email mingħand SOS Malta fejn ser jiġi organizzat workshop bl-isem Intercultural Malta. Il-Kunsill interessat li jieħu sehem u talab lis-Segretarju biex jinfurma l-organizzazzjoni.

Talba mingħand iċ-Ċentru Zgħazagħ Balzan biex tingħata donazzjoni biex ikopru l-ispejjez fl-attivita' taż-zgħazagħ fil-ġranet tal-festa. Il-Kunsill ma jistax jagħti kull tip ta' donazzjonijiet skond il-liġi.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**11. Rapport dwar l-Ilmenti**

Talba minn resident biex parking bay li hemm faċċata ta' 151, Triq San Franġisk titneħħa. Il-Kunsill talab lil *handy man* biex jiċċekja u jara jekk il-*parking bays* sarux skond il-permess maħruġ minn Transport Malta

Resident li joqgħod fi Triq Santa Marija talab biex lampa tat-triq imwaħħla mal-faċċata tiegħu tersaq ftit peress li nħariġlu permess mill-MEPA biex jiftaħ tieqa. Il-Kunsill ser ikellem lill-kuntrattur tad-dawl biex jara' x'jista' isir.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

**12. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni x'jagħmel

**13. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-15 ta' Mejju 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 12370.55.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur S. Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**14. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara ressaq xi ilmenti tar-residenti li joqgħodu fi Triq San Franġisk, Triq Iz-Zekkuk, Triq Il-Kbira u Triq Valent Muscat.

Il-Kunsillier is-Sur Guido Borg issuġerixxa li għandhom jinħatru numru ta' periti li jagħmluha ta' "Liaison Persons" bejn il-*MEPA* u anke *Transport Malta* fuq kwistjonijiet li fihom ikunu involuti l-Kunsilli Lokali.. Is- Sur Desmond Zammit Marmara ser jagħmel il-kuntatti neċessarji biex jitwassal is-suġġeriment.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013 fid-9am.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data